**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (39)



Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa tal-Isla fis-snin 50

Illum se nkompli bl-intervista li bdejna l-ġimgħa l-oħra ma' Freddie Fiteni, li issa nafu, li barra li kien qaddief għal xi snin mal-Isla kien ukoll jokkupa l-kariga ta' president tal-club tar-Regatta tal-Isla. Meta staqsejtu dwar ir-rekord tal-ħinijiet li kienu kisbu l-Kalkara fl-1969, ħares lejja, tbissem, u wara pawsa qasira weġibni hekk:

"Uffiċjalment, fl-1969, il-Kalkara kienu kisru r-rekords tal-ħinijiet, iżda tajjeb li wieħed ifakkar, mingħajr ma jnaqqsu l-mertu lill-qaddiefa ta' dan id-distrett, li dak in-nhar ir-riħ kien favur u t-triq kienet iqsar ... iżda bħal dubju ta' xejn, il-ħin tal-Kajjik ġie meħud ħażin."

*Fi żmienek kien hawn ħafna qaddiefa, u xi wħud minnhom baqgħu jissemmew għas-suċċessi tagħhom fir-Regatta Nazzjonali ... tiftakar xi wħud minnhom?"*

"Qabel xejn tajjeb li wieħed iżid ukoll li maż-żmien id-dgħajjes bdew jirfinaw ruħhom, u l-istil tal-qdif inbidel kompletament. Mill-qadfa b'saħħitha tal-barklori, din inbidlet f'waħda ħafifa f'wiċċ l-ilma tal-qaddiefa dilettanti. Kif taf, anke l-qaddiefa nbidlu, u minn barklori saru dilettanti. Fil-kanal ma bqajtx tara qaddiefa tal-klassi ta' Salvu l-PaSalv, Leli n-Nanna Klara jew Toni ż-Żbiba li kienu qaddiefa professjonali.

"Niftakar li l-aħħar tiġrija li ġerrejt jien kienet dik tal-Midalji - konna armajna dgħajsa fil-Malta, u Toni (iż-Żbiba) kien fis-sakra u Charlie Abela (il-Bormliż) kien fil-poppa - dak in-nhar kienu rebħu Bormla għax aħna ma kellna xejn... kienu għaddewna l-aħwa Leone , Joe Azzopardi (iż-Żużu) u Leli D'Amato (is-Sapuna) - konna dħalna *photo finish* imbagħad wara kont sifirt.

"Lil Birgu, żmien il-Bubu, iċ-Ċaqu, iż-Żambu, dawk ma lħaqthomx - lil Birgu niftakarhom meta fl-1954 għaddewna għax fuqna kienet daħlet il-Lanċa tad-Dwana fi żmien il-Bubbli John - imbagħad is-sena ta' wara varajna d-dgħajsa '321' - dgħajsa ġdida u erġajna ħadna l-ewwel. Jien għadni niftakar lil Karmnu tal-Posta u ġie jarani naqdef ma' T oni - kont għadni daqsxejn ta' tifel, u qallu 'ibża' għalih dak it-tifel' - Toni kien qaddief kbir u kien jammirah kulħadd. Dan Karmnu tal-Posta kien qisu ġgant. Tista' taħseb, jien għandi tul ta' sitt piedi u ħdejh kont qisni nanu. Niftakar, dak in-nhar, tal-Posta kien talabni biex jagħti żewġ palati ma' Toni u kienu qadfu flimkien xi għoxrin palata - issa tinsiex li Karmnu kien daħal fiż-żmien iżda milli jidher il-barklor jekk ma jimradx jibqa' b'saħħtu."

*Inkun korrett jekk ngħid li int minn dejjem kont kontra l-idea li tirreġistraw magħkom qaddiefa barranin?*

"Iva veru ... meta ġejt lura mill-Awstralja u kont rajt lill-aħwa tat-Torta (Charlie u Victor) skantajt mhux ftit kif żewġt aħwa bħal dawk, qishom ġganti qatt ma ħadu xejn... imbagħad meta daħlu fl-ewwel post f'taqtiegħa ħarxa ma' Bormla (Bouvett u Leone) kienu ġew skawlifikati.

"Meta sirt president tal-club jien kont sibt lil Waj-Waj minn Bormla magħna, u kont għedt lill-kumitat biex lil dan il-qaddief nirregistrawh għal dik is-sena biss peress li jien xtaqt narma d-dgħajjes tagħna bit-tfal tal-Isla.

"Fil-fatt f'dik l-edizzjoni kienu għaddewh il-Bubu u ċ-Ċaqu, u hawnhekk sħabi tal-kumitat kienu qablu miegħi li kellna nibnu team tajjeb iffurmat minn żgħażagħ Sengleani. Għalhekk wara t-tiġrija kont kellimtu u għidtlu bil-ħsieb tiegħi u hu xtaqilna suċċess. Jien bnieden konservattiv ħafna, u minn dejjem qbilt max-xjuħ tagħna li dejjem kienu jisħqu, li aħna ma kellniex inġibu qaddiefa barranin meta għandna qaddiefa kemm irridu ... din ta' qaddiefa barranin magħna dejjem kont kontra tagħha ... anke din tal-flus kont kontra tagħha, għax naf li biex tarma tajjeb trid tħallas u tħallas tajjeb ... jien dejjem sostnejt li aħna għandna tfal tajbin u nistgħu naraw kull opra li għandna."

*L-aħħar darba li intom irbaħtu x-Shield kien fl-1966 ... ma taħsibx li bit-tfal li għandkom, ħafna minnhom bla esperjenza ma tistgħux tirbħu x-Shield?*

"Dak iż-żmien iċ-'Champions' tar-Regatta kienu Bormla u jien kont nemmen li bit-tfal tagħna stajt imwaqqafhom. Kien żmien meta ma kontx issib sponsers bħalma ssib illum. Kien hemm min talabni biex inwarrab mill-kumitat u nirbħu x-Shield, iżda jien qatt ma ridt inwarrab. U min kien talabni biex inwarrab kien tani x'nifhem li kien lest li ġġib lil Mario lil Ċikku u lil Ġużeppi - ara ma taħsibx li jien se nneħħi l-mertu ta' Mario, ta' Ċikku jew taż-Żużu, għax dak li għamel Mario fir-Regatta ma għamlu ħadd – la Toni ż-Żbiba, la Toni l-Koj u l-ebda qaddief ieħor ... tajjeb u ħażin Mario rebaħ l-palijiet kollha, u fejn ikun hu kapaċi jarma kull distrett ... Mario huwa qaddief bieżel u leali lejn il-club li jkun qed iġerri f'ismu.

"Illum kulħadd jaf li biex tirbaħ ix-Shield tiswielek il-flus! Veru li l-flus jinġabru mill-isponsors - iżda kemm-il sena tista' jdum tirbaħha ... wara tlieta jew erba' snin jirbaħha club ieħor li kapaċi jsib sponsors aqwa u aħjar.

"Jien ma nistax nifhem kif il-Kalkara, il-Birgu jew in-kella Marsamxett x'ċansijiet għandhom li xi darba jirħbu x-Shield meta kontra tagħhom għandkom il-ġganti ta' kull żmien Bormla u l-Isla.

"Issa ġejna b'dgħajsa waħda f'kull korsa, u għalhekk ir-rebħ ta' kull Regatta se tkun tiddependi fuq il-korsa ta' bl-Erbgħa. Kif diġá għedt, illum biex tirbaħ ix-Shield trid ħafna flus, u dawn il-flus jekk ma jinġabrux mingħand l-isponsors kull club isib ruħu fil-qagħda tal-Birgu u tal-Kalkara. Illum l-ebda club m'għandu dawn il-flejjes kollha, u bilfors ikollu jitkarrab man-negozjanti biex jgħinuh. Kif taf, illum hawn apatija kbira ... anke l-membri mill-clubs naqsu, u għalhekk, kif aċċennajt, kull kumitat irid jitħabat ħafna biex jiġbor il-fondi biex ikun jista' jmexxi l-club."

*Kif tħares lejn il-qawwa tad-distretti u l-qaddiefa ta' żmienna?*

"Illum il-Marsa jinsabu armati tajjeb u għandhom 'crews' tajbin. Bormla huma aħjar mis-sena l-oħra, għax magħhom issieħeb Mario u għalhekk huma armati aħjar milli kienu s-sena l-oħra. Iżda llum sirt nibża' nikkummenta dwar ir-Regatta! Għalkemm ħafna drabi aħna nikkummentaw fuq dawk li naraw matul it-taħriġ, wieħed ma jridx jinsa' li r-rebħ tax-Shield tiddependi wkoll fuq il-ħila tal-ekwipaġġ waqt il-korsa, kif ukoll fattur importanti li tista' tgħin ħafna, hi l-polza u l-irjieħ li jaħkmu l-kanal waqt it-tiġrija.

"Illum hawn tużżana qaddiefa li għandhom il-monopolju f'idejhom li kapaċi jarmaw distrett u jirbħu x-Shield. Dejjem skond kif jaqblilhom! Jien naqbel li tispiċċa t-tiġrija tat-tfal u minflokha ssir Klassi 'B'.

"Din hi opinjoni tiegħi u forsi hemm xi wħud li għandhom opinjoni kuntrarja. Jekk distrett ikun armat tajjeb fiż-żewġ kategoriji, u qaddief tajjeb li jkun jippromettі jaqbiżlek l-21 sena, se tagħmel, titilfu? Jekk malkbar ma jistax isib postu għax għandek ekwipaġġ stabbilit, x'jagħmel ... jieqaf mil-qdif, jew titilfu għax imur ma' distrett ieħor?... Biex ir-Regatta tkompli tikber u ssir aktar akkanita, hemm bżonn li ssir aktar titjib fl-organizzazzjoni u kull club jingħata aktar sussidju ....